# Q O R T I  Ċ I V I L I
## (Sezzjoni tal-Familja)

## ONOR. IMĦALLEF
## ROBERT G. MANGION

**Illum 26 ta' April 2018**

Rikors Guramentat Nru.  183 / 17RGM

Kawza fil-lista: 12

**AB**
**vs**
**C D E f'isimha proprio u ghan-nom ta' binha minuri F G;**
**L-Avukat Noel Cutajar u l-Prokuratur Legali Joeline Pace Ciscaldi li permezz ta' digriet datat 27 ta' Ottubru 2017 gew mahtura bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti H G; u**
**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat pprezentat mill-attur li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

1. Illi fl-24 ta' Marzu 2017 fl-lsptar Mater Dei, Tal-Qroqq, Msida twieled tifel minn relazzjoni bejn l-attur u l-konvenuta C D E mart il-konvenut H G;

2. Illi fic-certifikat tat-twelid tal-imsemmi tifel Dan Asante G - missieru gie indikat bhala H G.

3. Illi l-attur huwa l-missier naturali tal-minuri skont DNA Typing Report mahrug fit-2 ta' Mejju 2017 u DNA paternity Test Report maghmul minn Dottor Marisa Cassar illi meta tqabbel ir-rizultati ta' AB ma' dawk tal-minuri, jikkombaccjaw u jirrizulta illi t-tifel minuri Dan Asante huwa ibnu.

Jghidu l-intimati prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-attur huwa l-missier naturali ta' Dan Asante Hefnawy li twieled fl-24 ta' Marzu 2017 minn relazzjoni bejn l-attur u konvenuta;

2. Tordna illi c-certifikat tat-twelid ta' l-imsemmi minuri li jgib in-numru ta' registrazzjoni 4026/2017 jigi korrett fis-sens billi fil-kolonna ‘isem u kunjom’ il-kliem H G jigu sostitwiti bil-kliem "AB". Fil-kolonna d-dokument tal-identita' il-kliem "1470/2002 Maltese Marriage Act no." jigi sostitwit bin-numru "74870A Maltese ID card number". Fil-kolonna "eta' tal-missier" in-numru "47" jigi sostitwit "27". Fil-kolonna "fejn twieled missier it-tarbija" il-kelma "Egypt" tigi sostitwita bil-kelma "Ivory Coast". Fil-kolonna "fejn joqghod missier it-tarbija" ghandhom jizdiedu l-kliem "Paola, Malta". Fil-kolonna "isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet" il-kliem "Mahmoud G (not known whether living or dead) jigu sostitwiti bil-kliem "Philippe B (Dead)".

3. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jaghmel il-korrezzjoni hawn fuq imsemmija a tenur tal-ligi kull fejn mehtieg fic-certifikat tat-twelid numru ta' registrazzjoni 4026/2017.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-intimati ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-Avukat Dottor Astrid May Grima ghall-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, li taqra kif gej:-

1. Illi l-esponenti tirrileva illi rigward il-mertu, b'referenza partikolari ghall-paternita' in kwistjoni tal-minuri Dan Asante G, naturalment m'hijiex edotta mill-fatti li gew iddikjarati mill-attur fir-rikors guramentat u ghaldaqstant tirrimetti ruhha ghar-rizultanti processwali u kif ukoll ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

2. Illi stante li din hija kawza ta' rikonoxximent ta' paternita', huwa car illi sabiex tirnexxi din il-kawza istanti, ir-rikorrent irid ai termini tal-Artikolu 77A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, jipprova li fiz-zmien bejn it-tlett mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tal-minuri Dan Asante G, C D E kienet wettqet adulterju mal-attur AB u di piu' jipprova ukoll xi fatt iehor li jistghu jkunu testijiet genetici li jeskludu lil H G, ir-ragel tal-intimata C D E bhala l-missier naturali tal-imsemmi minuri Dan Asante G;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-attur esebixxa rapport ta' test genetiku. Rigward dan it-test genetiku, l-esponenti tissottolineja illi dan ir-rapport li gie anness mar-rikors guramentat ma huwiex rilevanti ghal proceduri odjerni

stante li si tratta proprju l-paternita' ta' Dorothy Oppong. Ghaldaqstant f'dan l-istadju, l-esponenti hija tal-umli fehma illi dan ir-rapport, anness mar-rikors guramentat u mmarkat bhala 'Dok. B', ghandu jigi sfilzat u ghal kull bon fini ghandu jigi pprezentat mill-attur, ir-rapport li jiddettermina l-paternita' vera tal-minuri Dan Asante G, liema rapport irid ikun mahluf mit-tekniku Dr. Marisa Cassar;

4. Illi f'kaz li l-attur ma jottemporax ruhu u r-rapport tat-test genetiku ma jigix pprezentat u mahluf mit-tekniku, l-esponenti hija tal-umli fehma illi jkun ta beneficcju jekk il-partijiet jissottomettu rwiehhom ghal testijiet genetici ai termini tal-Artikolu 70A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Illi f'kaz illi din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tal-attur, l-esponenti hadet konjizzjoni tad-dettalji kollha li nkluda l-attur fir-rikors guramentat tieghu li eventwalment jigu inseriti fl-Att tat-Twelid tal-minuri Dan Asante G, bin-numru progressiv 4026/2017;

6. Illi bla pregudizzju ghas-suespost il-partijiet kontendenti ghandhom jiddeciedu b'mod definittiv liema kunjom ghandu jassumi Dan Asante G u dan a tenur tal-Artikolu 92 (6) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta'Malta;

7. Illi subordinatament, dejjem bla hsara ghas-suespost, f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tal-attur, huwa importanti li l-kelmiet 'the H' li jinsabu qabel isem H G, senjatament taht il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-taghrif dwar l-omm ghandhom ukoll jigu kkancellati mill-Atti tat-Twelid tal-minuri Dan Asante G bin-numru progressiv 4026 / 2017 ;

8. Illi finalment u dejjem minghajr pregudizzju ghas-surriferit, l-esponenti tissottometti li fi kwalunkwe kaz, l-azzjoni odjerna mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tad-Dipartiment tar-Registru Pubbliku u ghaldaqstant hija ma ghandhiex tigi assoggettata ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

9. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent li qieghed minn issa ingunt in subizzjoni.

Rat in-nota guramentata tal-konvenuta C D E ipprezentata fis-6 ta’ Dicembru 2017 li permezz taghha ammettiet it-talbiet attrici;

Rat ir-risposta tal-konvenuti kuraturi ghall-assenti H G li ddikjaraw li mhumiex edotti mill-fatti u rrizervaw li jipprezentaw risposta ulterjuri meta u jekk jirnexxilhom jikkomunikaw mal-assenti, li ghandhom jinghataw mill-attur kull informazzjoni dwar kif jistghu jikkomnuikaw mal-assenti, u li l-attur jinhtieg li

jipprova li hu il-missier naturali tal-minuri Dan Asante G billi d-Dok B anness mar-rikors promotorju jirriferi ghall-wild iehor u d-Dok C ma jaghtix spjegazzjoni konkluziva;

Rat n-nota tal-attur li permezz taghha ezebixxa d-DNA Paternity Test Report b'konferma li l-attur hu l-missier biologiku tal-minuri;

Rat l-affidavit u r-rapport ta' Dottor Marisa Cassar ipprezentati fis-6 ta' Frar 2018 b'konferma li l-attur hu l-missier naturali ta' Dan Asante;

Rat in-nota tal-attur tal-15 ta' Frar 2018 li permezz taghha pprezenta kopja awtentika tad-Dokument tal-Identifikazzjoni ufficjali tieghu;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tat-8 ta' Frar 2018 fejn l-avukat tal-attur iddikjara li jekk it-talbiet attrici jigu akkolti kunjom il-minuri ghandu jkun "B" u l-kawza giet differita ghallum ghas-sentenza.

Rat l-atti kollha;

**IL-PROVI.**

**L-attur AB** fir-rikors promotorju kkonferma bil-gurament li fl-24 ta' Marzu 2017 fl-Isptar Mater Dei, Tal-Qroqq, Msida twieled tifel mir-relazzjoni li hu kellu mal-konvenuta C D E, mart l-assenti H G u li fic-certifikat tat-twelid tal-imsemmi tifel Dan Asante G, il-missier gie indikat H G peress li l-konvenuta hija mizzewga lilu.

Hu annetta mar-rikors guramentat, bhala Dok B, DNA Paternity Test Report, li kif korrettement irrileva il-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku jirriferi ghal-wild iehor cioe' Dorothy Oppong li twieldet fit-30 ta' Jannar 2015.

L-attur qed jitlob li jigi dikjarat li hu l-missier naturali ta' Dan Asante G li twieled fl-24 ta' Marzu 2017 u li jsiru l-korrezzjonijiet opportuni minnu indikati fic-certifikat tat-twelid tal-minuri.

L-attur, b'rikors pprezentat fit-2 ta' Awwissu 2017 talab li jigu nominati kuraturi deputati biex jirraprezentaw lill-assenti H G, li skont l-attur ilu numru twil ta' snin assenti minn Malta u ma' hemm l-ebda indikazzjoni li ser jerga' jirritorna Malta.

**Il-konvenuta, C D E**, b'nota guramentata pprezentata fis-6 ta' Dicembru 2017 ammettiet t-talbiet attrici.

**Il-konvenut, Direttur tar-Registru Pubbliku** rrileva li dwar il-mertu mhux edott mill-fatti u ghalhekk jirrimetti ruhhu ghar-rizultanzi processwali; li jinhtieg li r-rikorrent jipprova, fit-termini tal-Artikolu 77A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, li l-konvenuta C D E kienet wettqet adulterju mal-attur u li permezz ta' testijiet genetici, r-ragel ta' C D E, H G jigi eskluz li hu il-missier naturali tal-minuri.

**Dottor Marisa Cassar**, fl-affidavit taghha mahluf fis-6 ta' Frar 2018,[1] ikkonfermat li gabret l-kampjuni orali ta' C D E, ta' AB u tal-minuri li twieled fl-24 ta' Marzu 2017 biex ikunu jistghu jsiru t-testijiet ta' DNA (Paternity Test) u li minn dawn it-testijiet irrizulta li l-attur AB hu l-missier naturali tal-minuri. Hi annettiet ir-rapport mal-affidavit taghha.

**KONSIDERAZZJONIJIET.**

L-attur qed jipprocedi b'din il-kawza ta' paternita', rikors ghal dikjarazzjoni ta' parentela skont l-**Artikolu 77A** tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Skont dan l-artikolu, kull min jghid li huwa l-genitur naturali ta' wild mwieled fiz-zwieg jista' jipprocedi quddiem il-Qorti kompetenti ghal tali dikjarazzjoni kemm-il darba jirnexxielu jipprova li fiz-zmien bejn it-tlett mitt gurntata u l-mija u tmenin gurnata qabel t-twelid tal-wild, il-konjugi li wiled kien wettaq adulterju mieghu u barra minn hekk jipprova xi fatt iehor li jistghu jkunu testijiet u provi genetici u xjentifici "li x'aktarx jeskludu lill-konjugi l-iehor bhala l-genitur naturali tal-wild".

Skont l-**Artikolu 77B** t-talba tista' tigi ezercitata ukoll mill-genitur li wiled. L-**Artikolu 77C** jistipula li dan ir-rikors guramentat ghandu jigi pprezentat fi zmien sitt xhur mit-twelid tat-tifel.

Fil-kaz in ezami l-minuri twieled fl-24 ta' Marzu 2017 u r-rikors guramentat gie pprezentat fit-2 ta' Awissu 2017 cioe' qabel skadew sitt xhur mit-twelid tat-tifel.

Irrizulta, mir-rikors tal-attur ghan-nomina ta' kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti H G, illi ir-ragel tal-konvenuta C D E ilu s-snin assenti minn Malta filwaqt li l-konvenuta tiddikjara li taqbel li l-attur huwa l-missier bijologiku tal-minuri u mhux G.

L-affidavit u r-rapport ta' Dottor Marisa Cassar jikkonfermaw li mit-testijiet li saru jirrizulta li l-attur hu l-missier naturali tat-tifel Dan Asante li twieled fl-24 ta' Marzu 2017.

[1] Fol 40.

Dwar kunjom il-minuri l-Qorti hi tal-fehma illi jkun fl-interess tal-minuri li jgib sew kunjom missieru kif ukoll kunjom ommu.

**DECIDE**.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tiddisponi mir-risposti guramentati tal-konvenuti konformement ma' dak hawn deciz:

1. Tilqa’ l-ewwel talba tal-attur u tiddikjara li l-attur hu l-missier naturali ta’ Dan Asante li twieled fl-24 ta’ Marzu 2017 u mhux il-konvenut H G;

2. Tilqa’ t-tieni talba tal-attur u tordna li jsiru l-korrezzjonijiet fic-certifikat tat-twelid tal-imsemmi minuri li jgib n-numru ta’ registrazzjoni 4026/2017 kif mitlub mill-attur oltre li l-kelmiet "the H" qabel isem H G jigu kancellati;

3. Tordna li l-minuri jkun maghruf bil-kunjom "B E";

4. Tilqa’ t-tielet talba tal-attur.

L-ispejjez jithallsu mill-attur.

**Imhallef** **Deputat Registratur**